## PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT

**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 9.09.07: It-Tlieta u Għoxrin Ħadd matul is-Sena.**
Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri tal-knisja.
**IL-ĦAMIS, 13.09.07: Fil-5.00p.m.** Aisling Murphy u Clive O'Reilly se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom
Illum hija it-tifkira tad-Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet ta' Fatima u tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.
**Il-ĠIMGĦA, 14.09.07**: **Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar is-Salib Imqaddes.
**IS-SIBT, 15.09.07: Tifkira ta' l-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri.**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bl-omelija dwar id-duluri ta' Marija Verġni.
**IL-ĦADD, 16.09.07: FESTA TAL-143 ANNIVERSARJU TAT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI.**

## GIMGHA TA' SPIRITWALITA'

**Mit-Tnejn, 17 sal-Ġimgħa 21 ta' Settembru 2007**

Tkun ħdejn il-Museum wara l-quddiesa ta' filgħaxija.
Fil-ġranet li ġejjin nagħtukom il-programm kollu ta' din il-ġimgħa.
Żommu dan l-appuntament mal-kelma t'Alla.

## ĠABRA GĦALL-VITTMI TAT-TERREMOT

Nirringrazzja lil kulħadd ta' l-offerti li saru għall-vittmi tat-terrmot li seħħ fil-Peru'. Is-Somma li nġabret minn dawn l-offerti kien Lm220. Grazzi

## LURA MILL-VATIKAN

Nifirħu lill-abbati Josef Gauci li għadu kif irritorna minn Ruma wara xahar ta' servizz li kien qed jagħti fil-Vatikan ma' sħabu l-abbatini minn Għawdex u minn Malta

## DĦUL FIL-KINDERGARTEN

Il-Kap ta' l-Iskola javża lil dawk il-ġenituri li għandhom uliedhom li se jgħalqu tliet snin sal-31 ta' Diċembru 2007 biex jirreġistraw lit-tfal tagħhom ħalli jibdew jattendu l-klassijiet tal-Kindergarten minn Ottubru li ġej. Ir-reġistrazzjoni ssir ġo l-iskola stess.

## IL-KUNSILL LOKALI

Il-Kunsill Lokali javża li minn nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru sal-Ġimgħa 14 ta' Settembru 2007, jintlaqgħu l-ħlasijiet għas-servizzi ta' trasport għat-tfal ta' l-iskola primarja għal din is-sena skolastika. Il-postijiet huma limitati.

## RESTAWR.

Bħalissa qed isir restawr tal-Pjaneta l-ġdida tal-bellus billi r-rakkmu tad-deheb li fiha kien qiegħed jinqala' u bicca minnu qed jintilef. Sar ukoll restawr fuq it-Tuniċelli tal-bellus li jintużaw fil-festa.
Nirringrazzja lill-persuna li qed tagħmel dan ix-xogħol b'sagrifiċċju ta' ħafna ħin u delikatezza. Dan qed isir b'mod voluntarju.
Xogħol ieħor ta' restawr qed isir biex tingħata dehra ġdida liż-żewġ arloġġi tal-faċċata tal-knisja.
Grazzi mill-qalb ta' dan ix-xogħol voluntarju

## GRAZZI MILL-GHANA

Evelyn Efua Arthur, it-tfajla mill-Ghana (Afrika), li bil-għajnuna tal-parroċċa tagħna kienet qed tagħmel esperjenza ta' xahrejn fil-Hotel Managment hawn f'Għawdex, bgħatet tirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna għaliha fiż-żmien li damet fostna. Hija apprezzat dak kollu li l-parroċċa offrietilha u tixtieq twassal it-tislijiet tagħha lill-membri kollha tal-komunita' parrokkjali tagħna.
Dak li għamlet l-parroċċa ma' Evelyn, huwa bħala riżultat tal-ġemellaġġ spiritwali mad-Djoċesi ta' Cape Coast, Ghana, li kien twaqqaf meta kien fostna l-Kardinal Peter Turkson.